# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 16 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 27**

**Citaz. Nru. 497/01GV**

**Mark Aquilina ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Golden Harvest Manufacturing Company Limited**

**vs**

**Super Master Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitur ta' l-attur nomine fis-somma ta' hamest elef seba' mija disgha u hamsin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm5,759.91) formanti parti minn bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kunsinnata lilu fuq ordnijiet tieghu;

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, I l-istanti qed jannetti ma dan l-att affidavit markat Dok. A a tenur tal-istess artikolu tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Ghaldaqstant l-attur nomine talab lil din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lil attur nomine l-ammont ta' hamest elef seba' mija disa' u hamsin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (lm5,759.91) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kunsinnata lilu.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attur nomine;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tal-attur nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tal-attur nomine kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**